MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tal-25 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 1125/2013

**ALBA DE BIASE & C. S. a.s.** (socjeta reġistrata fir-reġistru tal-imprizi ta' Napli bin-numru 04764730638)

vs

**SOUTH ADRIATIC SHIPPING LINE LTD** (C-51049)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fil-25 ta' Novembru, 2013 li bih is-soċjeta attriċi estera, għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti:

(i) issib li l-kumpanija mħarrka hija responsabbli lejn is-soċjeta attriċi għall-hlas ta' erba' mija u tletin elf tliet mija u wieħed u disgħin euro u tmienja u tletin ċenteżmi (€430,391.38) rapprezentanti prezz ta' għadd ta' fornimenti ta' "*bunkers*" u zjut għall-benefiċċju tal-bastiment *m.v. Adriatica I* tal-istess kumpannija mħarrka; (ii) issib li□, proprjeta l-istess kumpannija mħarrka naqset li tħallasha l-imsemmija somma u b'hekk waqgħet mill-benefiċċju li tħallas b'rati; u (iii) tikkundanna lill-istess kumpannija mħarrka tħallas l-imsemmija somma ta' €430,391.38;

Rat in-nota mressqa waqt is-smigħ tal-lum mill-avukat difensur tas-soċjeta konvenuta li biha ammettiet it-talbiet kif dedotti fir-Rikors Maħluf;

Billi mill-ammissjoni tas-soċjeta konvenuta, it-talbiet dedotta fir-Rikors Maħluf jirriżultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tas-soċjeta konvenuta tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjeta attrici kif dedotti fir-Rikors Maħluf bl-ispejjez kontra s-soċjeta konvenuta, u bl-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-1 ta' Marzu, 2013, sal-jum tal-ħlas effettiv.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------